Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 50/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur James Aaron Ellul	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Skużat
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

50. 1 Ittri ta' Apoloġija

50.1.1 Il-President semma li s-Sur Marco Agius, Is-Sur Wayne Aquilina, Is-Sur Jason Silvio, Is-Sur Olaf McKay u s-Sur Joseph Abela Galea talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur John Boxall, il-Kumitat qabel sabiex ikunu skużati mil-laqgħa.

50.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.48

50.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 48 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clayton Portelli Cascun, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

50.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa b' Urġenza Nu.49

50.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 49 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clayton Portelli Cascun, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

50.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 43

50.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Abela Galea u s-Sur Clayton Portelli Cascun ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Ġunju 2025 u l-15 ta' Lulju 2025 li kienet tammonta għall-€308,882.22

50.5 Punti maħruġa mill-Minuti tal-Laqgħa Nu. 48

50.5.1 Skema Reġjun Port	Il-President semma li kif maqbul fil-laqgħa preċidenti kull Kunsill kien ser ikollu fond ta' €5,000 li ser ikunu allokati għall-proposti mill-Kunsilli Lokali li isaħħu l-Viżjoni Reġjonali. Il-President semma li kienet ser tintbgħat ċirkulari f' dan ir-rigward.
50.5.2 Skema LESA enforcement	Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed jgħaddi lill-AKL l-fondi li ma ntużawx, €2,322 sabiex jgħaddu lil LESA minħabba li ma ntużawx mill-Kunsilli.
50.5.3 Kooperattiva Reġjun Port	Il-President semma li ser tkun qed tintbgħat ċirkulari sabiex il-Kunsilli jibgħatu d-dettalji ta' vetturi ta' passiġieri li jintużaw mill-Kunsill Lokali sabiex jagħtu servizz fil-lokalita'.
50.5.4 Integrarti	Il-President semma li l-proġett kien mixi tajjeb u li ser ikunu qed isiru l-attivitajiet f' diversi lokalitajiet.
50.5.5 Tech Beyond Borders	Il-President semma li l-proġett kien wasal sabiex jingħalq. Semma li saru diversi sessjonijiet f' diversi lokalitajiet fejn taw opportunita' lit-tfal sabiex jużaw it-tekonolġija tal-VR kif ukoll jitgħallmu fuq elementi ambjentali li qed jaffetwaw lir-Reġjun Port.
50.5.6 Reġjun tal-Kultura 2026	Il-President semma li wara li r-Reġjun ħareġ is-sejħa għal Direttur Artistiku issa ser ikun qed joħroġ sejħa sabiex ikun hemm sottomisjonijiet għal-logo għar-Reġjun tal-Kultura.
50.5.7 Ġbir ta' Skart matul il-Lejl	Il-President semma li r-Reġjun kien iltaqa' mal-kolletturi kif ukoll bagħat survey link lill-Kunsilli Lokali sabiex jiġbor r-rispons anki min-naħa tagħhom. Semmali r-Reġjun bagħat kopja tal-ktejjeb f' kull Kunsill kif ukoll lill-Ministeri ikkonċernati, Segretarji Permanenti u anki d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Is-Sindki preżenti semmew li ma jistax wieħed jibdel is-sistema bil-kolletturi preżenti dan anki minħabba l=bdil u l-investiment li jrid isir fl-inġenji. Semmew li hemm diversi problemi li r-Reġjun u l-Kunsill għadu jirrisolvi mal-kuntrattur qabel ikun esplorat bdil fil-ħin.

Is-Sur John Boxall semma li problema persistenti hija li jsuqu l-vettura b' lura f' toroq prinċipali. Semma wkoll il-problema ta' vetturi li jgħaddu minn bejn id-djar u t-turisti li jkunu maħmuġin wisq u jintnu. Is-Sur Boxall semma li kieku l-Kunsill għandu assi biżejjed ikun l-ewwel kunsill li jinvesti f' RCV.
Il-President semma li hemm laqgħa kkordinata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex ikun diskuss il-ġbir ta' skart bil-lejl.
Is-Sur Jorge Grech semma li huwa jaqbel mas-Sur Boxall li għadd hemm problemi kbar fl-operat fejn anki jidħlu sqaqien. Il-ġbir f' dawn iż-żoni għadu mhuwiex frekwenti u jitqabbeż.
Is-Sur Clayton Portelli Cascun semma li l-Kunsill Loakli tal-Fgura qed jesperjenza ammont ta' ilmenti li qabel ma kienx qed jirċievi. Semma wkoll li jidher li l-kuntrattur tal-knis mhuwiex qed jiġbor l-iskart imma jħallih hemm biex jieħdu l-kollettur tar-Reġjun. Semma li l-Kunsill qed jinvestiga l-każ u jerġa' jinforma lir-Reġjun.

50.5.8 Intervisti għall-Post Vakant ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-President semma li kif kien maqbul fl-aħħar laqgħat il-proċess huwa sospiż sakemm id-Diviżjoni tikkonsidra l-pożizzjoni tagħha dwar l-impożizzjoni li l-Board tal-Għażla jkun kollu kompost minn Membri Eletti.

50.6 Mozzjoni – Long Outstanding Creditors (Birgu u Valletta)

50.6.1 Il-President preżenta l-mozzjoni annessa u mmarkata bħala Dok A. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur John Boxall, il-kumitat approva l-mozzjoni imresqa biex ikun hemm l-aġġustamenti fl-accounts tar-Reġjun.

50.7 Approvazzjoni tal-Għażla ta' Direttur Artistiku, Reġjun tal-Kultura 2026 – Mozzjoni għal talba ta' Direct Order għall-istess servizz

50.7.1 Il-President preżenta l-mozzjoni annessa u mmarkata bħala Dok B. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-kumitat approva l-mozzjoni imresqa biex ikun hemm l-aġġustamenti fl-accounts tar-Reġjun.

50.8 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2025

50.8.1 Il-President r-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2025. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat approva r-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena.

50.9 Komunikazzjoni

50.9.1 Is-Sur Clayton Portelli Cascun xtaq ikun jaf kemm il-Kunsill għandu Planning Fund. Il-President infurmah li ser ikun qed jgħaddijlu l-informazzjoni.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

50.9.2 Il-President informa li r-Reġjun ser ikun qed jissottometti applikazzjoni taħt il-fond ta' Regional Cooperation Fund imnidi mill-Arts Council fejn il-proġett ser jitratta lit-tfal u l-anzjani tar-Reġjun.

50.9.3 il-President semma li r-Reġjun għadu ma rkupraxl-ispejjeż ta' Tribunal għas-sena 2024 u għad m' għandux kuntratt li jkopri l-ispejjeż tas-sena 2025. Għaldaqstant, il-President propona li qabel ma jkunu koperti l-ispejjeż kollha amministarttivi, ir-Reġjun m'hu ser jagħmel l-ebda nefqa oħra għat-tribunal. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil dwar dak li kien propost.

50.10 Aġġornament

50.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 13 t' Awwissu 2025 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dok A.

Data l-Erbgħa, 2 ta' Lulju 2025

MOZZJONI

Kunsill Reġjonali tal-Port
Dwar Punt mill-Management Letter għas-Sena 2024

Wara li ġew meqjusa l-osservazzjonijiet elenkati fil-Management Letter tar-Reġjun għas-sena finanzjarja 2024;

> **Long outstanding trade creditors**
>
> 3.3 While reviewing the Committee's aged suppliers' list we have again noted that the Committee has long overdue balances. These amount to €15,090.29 and have been carried forward from preceding accounting periods. The following are the creditors' balances that have been overdue for more than a year:
>
> | Creditor | In creditors' list € |
> |---|---|
> | Birgu Local Council | 892.77 |
> | Valletta Local Council | 14,197.52 |
> | Total | 15,090.29 |
>
> 3.4 We advise the Committee to review all balances, and either settle or, if considered non-payable, reverse after careful consideration and approval by the Committee. Any decisions taken should be fully explained and minuted.

U wara sensiela ta' laqgħat ma' rappreżentanti mill-Compliance Unit, fejn il-kwistjoni ġiet diskussa wkoll mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta;

U wara l-analiżi ta' dokumenti li nstabu f'file fl-Uffiċċju tar-Reġjun u li ġew estratti mis-sistema uffiċjali tal-Local Enforcement System (LES), dokumenti li kienu iffirmati kemm mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Belt Valletta, is-Sa. Gabriella Agius, kif ukoll mill-eks Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa. Joanne Mangion;

U fejn jidher li dawn id-dokumenti jmorru lura sal-sena 2013, u jipprovdu ċertezza dwar ir-relazzjonijiet finanzjarji relatati;

Il-Kunsill Reġjonali tal-Port, permezz ta' din ir-riżoluzzjoni, jiddikjara li:

Ma għandu **la jħallas u lanqas jirċievi** kwalunkwe ħlas li jidher bħala "**long outstanding trade creditors**" jew dettaljat b'mod simili, **mill-Kunsill Lokali tal-Birgu u mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.**

Din id-deċiżjoni qed tittieħed fid-dawl ta' dokumentazzjoni uffiċjali u konklużjonijiet amministrattivi sabiex jiġi ċċarat u magħluq dan il-punt ta' kontabilità reġjonali u jiġu rispettati l-prinċipji ta' governanza tajba u trasparenza.

Iffirmata

President

Paul Farrugia

Issekondata

Dok B.

It-Tnejn, 14 ta' Lulju 2025

Mozzjoni – Reġjun Port

Kunsill Reġjonali Port

Servizz ta' Direttur Artistiku – Reġjun Kulturali 2026

Il-Kunsill Reġjonali tal-Port jinnota li:

- Beda uffiċjalment is-sejħa għall-għażla ta' Direttur Artistiku għall-organizzazzjoni tas-Sena Kulturali tar-Reġjun matul l-2026;
- Is-sejħa ġiet ippubblikata u ġiet magħluqa skont l-iskadenzi stabbiliti (Anness Dok A);
- Wara l-għeluq tas-sejħa, il-Kunsill għamel l-intervisti ma' kull applikant eliġibbli;
- Għall-finijiet ta' trasparenza u integrità, il-Kunsill ħatar bord indipendenti magħmul esklussivament minn esperti fil-qasam kulturali u artistiku;
- Ir-riżultati tal-intervisti huma annessi ma' din il-mozzjoni (Anness Dok B).

Wara evalwazzjoni skont kriterji ta' meritu artistiku, il-bord irrekomanda lis-Sur Joseph Galea bħala l-aktar kandidat adattat biex jokkupa r-rwol ta' Direttur Artistiku għall-2026.

Għaldaqstant, il-Kunsill Reġjonali tal-Port:

1. Japprova l-ħatra tas-Sur Joseph Galea bħala Direttur Artistiku għas-Sena Kulturali tar-Reġjun 2026;
2. Japprova t-talba sabiex tintbgħat lis-Segretarju Permanenti, is-Sur Mahoney, sabiex tkun awtorizzata nefqa massima ta' €30,000 (eskluża l-VAT) marbuta ma' dan is-servizz, kif irrakkomandat mill-bord u bbażat fuq il-punteġġ miksub u l-evalwazzjoni skont il-meritu artistiku.

Proponent

Paul Farrugia

Presidnet

Sekondant